REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/566

tat-12 ta' April 2018

li jimplimenta l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jagħixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1183/2005 tat-18 ta' Lulju 2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jagħixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Lulju 2005, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 1183/2005.

(2) Wara r-rieżami tal-miżuri restrittivi awtonomi stipulati fl-Artikolu 2b tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005, jenħtieġ li jiġu emendati d-dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet relatati ma' żewġ persuni.

(3) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness Ia għar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness Ia għar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 huwa b'dan emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-12 ta' April 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

T. DONCHEV

([1]) ĠU L 193, 23.7.2005, p. 1.

ANNESS

L-entrati li jikkonċernaw il-persuni elenkati hawn taħt huma sostitwiti bl-entrati li ġejjin:

"10.	Alex Kande Mupompa, Eks-Gvernatur ta' Kasai Central	Magħruf ukoll bħala Alexandre Kande Mupomba; Kande-Mupompa. Data tat-twelid: 23.9.1950. Post tat-twelid: Kananga (RDK). Numru tal-passaport tar-RDK: OP 0024910 (validu: 21.3.2016 — skadenza: 20.3.2021). Indirizz: Messidorlaan 217/25, 1180 Uccle, il-Belġju Nazzjonalitajiet Kongoliża u Belġjana	Bħala Gvernatur ta' Kasai Central sa Ottubru 2017, Alex Kande Mupompa kien responsabbli għall-użu sproporzjonat tal-forza, repressjoni vjolenti u qtil extraġudizzjarju mwettqa mill-forzi tas-sigurtà u l-PNC f'Kasai Central minn Awwissu 2016, inkluż qtil fit-territorju ta' Dibaya fi Frar 2017. Alex Kande Mupompa kien għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni, jew it-twettiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK.	29.5.2017
12.	Lambert Mende, Ministru għall-Komunikazzjoni u l-Mezzi tax-Xandir, u kelliem tal-Gvern	Magħruf ukoll bħala Lambert Mende Omalanga Data tat-twelid: 11.2.1953. Post tat-twelid: Okolo (RDK). Numru tal-passaport diplomatiku: DB0001939 (maħruġ: 4.5.2017 — skadenza: 3.5.2022). Nazzjonalità Kongoliża.	Bħala Ministru għall-Komunikazzjoni u l-Mezzi tax-Xandir mill-2008, Lambert Mende huwa responsabbli għall-politika repressiva applikata għall-mezzi tax-xandir fir-RDK, li tikser id-dritt tal-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni u ddgħajjef il-kisba ta' soluzzjoni kunsenswali u paċifika għall-elezzjonijiet fir-RDK. Fit-12 ta' Novembru 2016, huwa adotta digriet li jillimita l-possibbiltà li mezzi tax-xandir barranin ixandru fir-RDK. Bi ksur tal-ftehim politiku milħuq fil-31 ta' Diċembru 2016 bejn il-maġġoranza presidenzjali u l-partiti tal-oppożizzjoni, ix-xandiriet ta' għadd ta' xandara baqgħu maqtugħin għal diversi xhur. Fil-kapaċità tiegħu bħala Ministru għall-Komunikazzjoni u l-Mezzi tax-Xandir, Lambert Mende huwa għalhekk responsabbli li fixkel il-kisba ta' soluzzjoni kunsenswali u paċifika għall-elezzjonijiet fir-RDK, inkluż b'atti ta' vjolenza, repressjoni jew inċitament għall-vjolenza, jew billi dgħajjef l-istat tad-dritt.	29.5.2017"